MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1827/2003

**Untours Insurance Agents Ltd. ghas-socjeta` estera Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Lucyanne Xuereb u l-istess Lucyanne Xuereb**

**vs**

**Joseph Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Settembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm375.40), prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh fit-3 ta' Lulju, 2003, fil-Mosta, bejn Ford Transit numru IMY-357 misjuqa mill-konvenut u Fiat Punto numru IBF-863 misjuqa mill-attrici, flimkien ma' kundanna tal-konvenut li jhallas in linea ta' Danni tlett mija u hamsin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm350.40) lill-**

**Untours Insurance Agency Ltd. noe, u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attrici;**

**Bl-ispejjez, komprizi hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50) ta' ittra u konsult u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata ma' l-avviz ai termini tal-Kap.104, u bl-imghax minn notifika ta' l-avviz, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota prezentata mill-konvenut fis-16 ta' Ottubru, 2003, li biha ammetta t-talba kif dedotta.**

**Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm350.40), u lill-attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), ilkoll bl-imghax legali mill-1 ta' Ottubru 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50) ta' ittra u konsult u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata ma' l-avviz ai termini tal-Kap.104, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------